

Brussell, 21 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

10498/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0198(NLE)**

---

**ACP 82**  
**FIN 688**  
**PTOM 11**

## **PROPOSTA**

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 306 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt I-10 u I-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 306 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 306 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 20.6.2022  
COM(2022) 306 final

2022/0198 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-allokkazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-ikel fid-dinja qed tiddeterjora malajr u ħafna mill-pajjiżi affettwati huma pajjiżi l-anqas żviluppati jew pajjiżi b'introjtu baxx u b'defiċit alimentari.

Qabel l-aggravament tal-insigurtà tal-ikel dinji minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kważi 193 miljun persuna (kważi 40 miljun aktar mis-sena ta' qabel) f'53 pajjiż/territorju kienu insikuri ħafna tal-ikel u kienu jeħtieġu assistenza urġenti. Il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna rriżultat fi tnaqqis drastiku fil-provvista ta' qmuħ lis-swieq globali hekk kif ir-rotot tal-Baħar l-Iswed huma mblukkati, u s-sajlos tal-qamħ deliberatament ġew attakkati. Il-prezzijiet globali tal-ikel qed jogħlew b'rata mgħaġġla u jinsabu fl-ogħla livell tagħhom fi tletin sena. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija żżid il-prezzijiet tal-inputs agrikoli (b'mod partikolari l-fertilizzanti), it-trasport u fl-aħħar mill-aħħar l-ikel. Dawn iż-żidiet fil-prezzijiet qed jaggravaw il-perspettiva makroekonomika f'kuntest fejn l-ispazju fiskali diġà tnaqqas minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Dan jista' jwassal għal żieda ulterjuri fl-għadd ta' pajjiżi f'diffikultà ta' dejn u/jew bi kriżijiet tal-bilanċ tal-pagamenti. Il-kunflitti u n-nixfiet ikomplu jaggravaw is-sitwazzjoni fir-reġjuni vulnerabbli. Il-pajjiżi l-aktar vulnerabbli huma dawk l-anqas żviluppati u dawk bi dħul baxx. Kif rajna fir-rewwixti f'dawn l-aħħar deċennji, spiss ikun xokk fil-prezzijiet tal-ikel li jiskatta l-instabbiltà u l-kunflitt.

Is-sens politiku ta' urġenza b'appoġġ għall-pajjiżi l-aktar esposti ġie enfasizzat mill-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-24-25 ta' Marzu<sup>1</sup> meta huwa stieden lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lill-ħidma dwar is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-ikel dinji, b'mod partikolari billi tappoġġa s-sigurtà tal-ikel u l-agrikoltura fl-Ukrajna u l-pajjiżi terzi l-aktar vulnerabbli u esposti. Sussegwentement, fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-30 u l-31 ta' Mejju 2022<sup>2</sup>, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibbiltà li jiġu mobilizzati riżervi mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp biex jiġu appoġġati l-pajjiżi sħab l-aktar milquta. Il-fondi taħt il-pilastru ġeografiku tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali)<sup>3</sup> huma pprogrammati bis-sħiħ u madwar EUR 3 biljun diġà qed jiffukaw fuq il-programmi tal-agrikoltura, in-nutrizzjoni, l-ilma u s-sanità. Barra minn hekk, fl-2022 ġew inizjalment allokati madwar EUR 520 miljun għall-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) taħt il-baġit tal-ġhajnuna umanitarja, li parti sinifikanti minnhom qed tindirizza n-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u l-ħtiġijiet relatati. Madankollu, minħabba l-firxa tal-ħtiġijiet u l-konsegwenzi potenzjali, jenħtieġ jiġi mmobilizzat finanzjament addizzjonali biex jappoġġa lill-pajjiżi sħab. Id-disponibbiltajiet taħt il-baġit tal-UE huma limitati ħafna (ir-riżervi għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti tal-NDICI-Ewropa Globali se jintużaw kompletament fl-2022 biex jirrispondu għal prijoritajiet urġenti oħra u l-baġit inizjali tal-2022 għall-Ġhajnuna Umanitarja għas-sigurtà tal-ikel u l-ħtiġijiet relatati fil-pajjiżi AKP identifikati qabel il-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna huwa qrib l-implimentazzjoni sħiħa), u minħabba l-impatt f'diversi pajjiżi sħab tal-AKP, il-mobilizzazzjoni ta' fondi diżimpenjati mill-10 u l-11-il Fondi

<sup>1</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Marzu 2022 (EUCO 1/22).

<sup>2</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-30-u l-31 ta' Mejju 2022 (EUCO 21/22).

<sup>3</sup> ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1-78.

Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) tista' tippermetti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-appoġġ tagħhom u jikkontribwixxu għall-isforzi biex tiġi indirizzata l-kriżi tas-sigurtà tal-ikel aggravata mill-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, f'approċċ ta' Tim Ewropa.

L-objettiv ta' din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill huwa li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex juża fondi diżimpenjati mill-10 u l-11-il FEŻ għall-finanzjament ta' azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi AKP wara l-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna b'ammont sa EUR 600 000 000, li minnhom EUR 488 000 000 huma inqas mill-10 FEŻ u EUR 112 000 000 mill-11-il FEŻ.

Minn dawn il-fondi, sa EUR 582 000 000 se jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' azzjonijiet u sa EUR 18 000 000 se jkopru n-nefqa ta' appoġġ imġarrba mill-Kummissjoni.

Dawn il-fondi se jintużaw għall-benefiċċju tal-pajjiżi sħab l-aktar milquta, b'attenzjoni partikolari għall-pajjiżi l-aktar vulnerabbli u esposti, b'mod partikolari biex jipprovdu:

- appoġġ makroekonomiku (EUR 100 miljun);
- appoġġ għall-produzzjoni tal-ikel u r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel (EUR 350 miljun);
- għajjnuna umanitarja (EUR 150 miljun).

Fir-rigward tal-appoġġ għall-produzzjoni tal-ikel u r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, l-UE se tappoġġa investimenti fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni lokali bħala parti minn sistemi akkwatiċi u agroalimentari sostenibbli, ibbażati fuq approċċi agroekoloġiċi, inkluża d-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-valur agrikolu u l-produzzjoni tal-ikel. Il-kriterji li ġejjin jistgħu jintużaw biex l-assistenza tiġi ffukata fuq pajjiżi magħżula:

- Il-livelli (li qed jiżdiedu) tas-sħab ta' nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u ta' malnutrizzjoni;
- L-esponiment tas-sħab għall-konsegwenzi tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, ibbażata b'mod partikolari fuq is-sehem tagħhom ta' importazzjonijiet tal-ikel fil-PDG tagħhom;
- Il-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi tas-sħab, li jistgħu jiġu stabbiliti abbażi tal-proporzjon tad-dejn għall-PDG tagħhom, ir-riżervi internazzjonali / xhur ta' kopertura tal-importazzjonijiet u l-klassifikazzjoni tal-Analiżi tas-Sostenibbiltà tad-Dejn;
- L-impatt potenzjali tal-finanzjament tal-Unjoni f'pajjiżi jew reġjuni sħab, ivvalutat b'mod partikolari permezz tal-ambitu biex jiżdiedu l-interventi rilevanti li jsaħħu l-produzzjoni u r-reżiljenza.

L-azzjonijiet iffinanzjati skont din il-proposta se jappoġġaw ir-Rispons Globali tal-UE għas-Sigurtà Alimentari, li ġie żviluppat wara talba mill-Kunsill Ewropew<sup>4</sup>. Ir-rispons jinkludi azzjonijiet immedjati u fuq terminu medju ta' żmien biex juru lis-sħab madwar id-dinja li l-UE qed tipprovdi appoġġ integrat, komprensiv u rapidu biex jiġi indirizzat l-impatt li l-gwerra qed ikollha fuqhom. Ir-Rispons Globali tal-UE għas-Sigurtà Alimentari joperazzjonalizza d-

<sup>4</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Marzu 2022 (EUCO 1/22).

diversi linji ta' azzjoni – kif previst fi ħdan il-FARM u l-Alleanza Globali tal-G7 u jipprovdi l-appoġġ meħtieġ lill-Grupp ta' Rispons għall-Kriżijiet Globali tan-NU.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-UE hija impenjata li tilħaq l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (Sustainable Development Goal, SDG) relatat ma' "zero għu" (SDG2) u qed taħdem mas-sħab biex iżżid b'mod kollettiv l-appoġġ biex jintemm il-għu, tinkiseb is-sigurtà tal-ikel u nutrizzjoni mtejbja, u tiġi promossa l-agrikoltura sostenibbli. Dan huwa affermat mill-ġdid fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp<sup>5</sup>. L-iżvilupp agrikolu u rurali huma kruċjali biex jitnaqqas il-faqar, tingħata spinta lis-sigurtà alimentari u nutrizzjonali, jiġi stimulat it-tkabbir ekonomiku, u jitħares l-ambjent, kollha fil-kuntest tat-tibdil fil-klima. Jista' jkollhom ukoll rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiżni tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet. L-approċċ tal-UE biex jintlaħaq l-SDG2 jiffoka fuq: azzjoni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ta' dawk l-aktar vulnerabbli għall-kriżijiet tal-ikel, tiġi miġġielda l-malnutrizzjoni u tingħata għajjnuna biex jiġu żgurati s-saħħa u l-benesseri nutrizzjonali għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri u jiġu stimulati investimenti responsabbli u tiġi appoġġata l-innovazzjoni fl-agrikoltura u s-sistemi tal-ikel.

Li jsir progress fl-SDG2 jimplika li jsir progress b'mod transsettorjali f'diversi SDGs oħra. L-adozzjoni ta' approċċi nexus li jorbtu l-art (SDG 15), l-ilma (SDG 6), u l-enerġija sostenibbli (SDG7) mal-ikel, is-sinerġija tal-ġestjoni tar-riżorsi naturali, l-agrikoltura u t-tibdil fil-klima (SDG13) jew il-konnessjoni ta' "umanitarji", "żvilupp" u "kunflitt/paċi" ssaħħaħ tali approċċi olistiċi.

Ir-rispons tal-UE għall-kriżi attwali tas-sigurtà tal-ikel se jkun xprunat mill-Patt Ekoloġiku<sup>6</sup> u mill-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"<sup>7</sup>, u se jibni fuq l-approċċ tar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi. Se jingħata appoġġ lil pajjiżi li qed jiffaċċjaw sfidi kbar għas-sigurtà tal-ikel, li huma affettwati b'mod negattiv mill-effetti tal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u li jinsabu f'pożizzjoni makroekonomika vulnerabbli bi ftit jew l-ebda buffers li jtaffu s-sitwazzjoni.

Dawn il-fondi se jintużaw f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-11-il FEŻ. Dawn se jsaħħu b'mod partikolari azzjonijiet li għaddejjin jew azzjonijiet ġodda li jindirizzaw kwistjonijiet ta' sigurtà alimentari fil-pajjiżi AKP. Il-fondi diżimpenjati mill-azzjonijiet ifffinanzjati wara din id-Deċiżjoni se jibqgħu riżorsa tal-FEŻ tal-orijini.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-azzjonijiet ifffinanzjati taħt dawn il-fondi se jintużaw b'konsistenza u komplementarjetà sħiħa ma' azzjonijiet oħra fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel, b'mod partikolari azzjonijiet ta' għajjnuna umanitarja kif ukoll azzjonijiet li għaddejjin bħalissa tal-11-il FEŻ u azzjonijiet ifffinanzjati skont l-NDICI - Ewropa Globali. Il-komponent dwar il-produzzjoni tal-ikel u r-

<sup>5</sup> "Il-Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp 'Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna'" – Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, 2017 (ĠU C 210, 30.06.2017).

<sup>6</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" tal-11 ta' Diċembru 2019, COM(2019) 640 final.

<sup>7</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" tal-20 ta' Mejju 2020, COM(2020) 381 final.

reżiljenza tas-sistemi tal-ikel se jiġi implimentat b'mod partikolari billi wieħed jibni fuq azzjonijiet eżistenti.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETA U PROPORZJONALITÀ**

### **• Bażi ġuridika**

L-Artikolu 1(4) u (5) tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ<sup>8</sup>.

Il-FEŻ huwa stabbilit mill-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ u jipprevedi l-possibbiltà li jintużaw fondi diżimpenjati, jekk dan jiġi deċiż b'mod unanimu mill-Kunsill<sup>9</sup>.

### **• Għażla tal-istrument**

Il-FEŻ kien is-sors ewlieni ta' finanzjament għall-pajjiżi AKP sa tmiem l-2020 u għadd ta' azzjonijiet li għaddejjin li jindirizzaw is-sigurtà tal-ikel ġew iffinanzjati mill-fondi tal-FEŻ.

Skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, il-kooperazzjoni mal-pajjiżi AKP hija ffinanzjata mill-baġit tal-UE permezz tal-NDICI - Ewropa Globali.

Minħabba l-għadd ta' ħtiġijiet ġeopolitiċi urġenti f'kuntest ta' marġni limitat ta' manuvra biex jiġi mobilizzat finanzjament addizzjonali fil-baġit tal-UE, l-użu ta' fondi diżimpenjati mill-10 u l-11-il FEŻ filwaqt li jintużaw ir-regoli u l-proċeduri tal-FEŻ huwa meqjus bħala l-aktar mod effettiv biex tiżdied l-azzjoni tal-Unjoni b'reazzjoni għall-kriżi tal-ikel.

F'konformità mal-Artikolu 1(4) u (5) tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ, il-Kunsill jiddeċiedi dwar proposta tal-Kummissjoni.

## **3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Ma hemm l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE. Il-FEŻ mhuwiex parti mill-baġit tal-UE.

## **4. ELEMENTI OĦRA**

### **• Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l- evalwazzjoni u r-rapportar**

L-arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rapportar huma dawk applikabbli għall-11-il FEŻ u dawk previsti fl-atti ta' implimentazzjoni rilevanti.

---

<sup>8</sup> Il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajjnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1).

<sup>9</sup> L-Artikolu 1(4) u (5) tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ u l-Artikolu 55 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1(1) tal-proposta jipprevedi li fondi diżimpenjati sa ammont massimu ta' EUR 600 000 000 minn proġetti skont l-10 u l-11-il FEŻ se jiġu allokat i għall-fini ta' finanzjament ta' azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel.

L-Artikolu 1(2) jipprevedi li massimu ta' EUR 18 000 000 tal-ammont skont il-paragrafu (1) se jiġi allokat lill-Kummissjoni għan-nefqa ta' appoġġ biex tkopri l-ispejjeż previsti fl-Artikolu 6 tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ. Dan jiġi kkalkulat billi jintuża proporzjon (3 %) aktar baxx minn dak previst għall-ġestjoni tal-fondi tal-11-il FEŻ fl-Artikolu 1(2)(a) tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ (3,45%).

L-Artikolu 1(3) jipprovdi li r-regoli tal-11-il FEŻ kif stabbiliti fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni u Finanzjarji<sup>10</sup> se jkunu applikabbli.

L-Artikolu 2 jipprevedi d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni.

---

<sup>10</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58, 3.3.2015, p. 1-16) u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1-21).

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-allokkazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament ta' għajjnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokkazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<sup>(11)</sup> ("Ftehim Intern"), u b' mod partikolari l-Artikolu 1(4) u (5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-ikel fid-dinja qed tiddeterjora malajr u ħafna mill-pajjiżi affettwati huma pajjiżi l-anqas żviluppati jew pajjiżi b'introjtu baxx u b' deficiet alimentari.
- (2) EUR 3 biljun huma diġà pprogrammati skont l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - il-pilastru ġeografiku tal-Ewropa Globali<sup>12</sup>. Minn dan l-ammont, EUR 2,3 biljun ġew ipprogrammati fil-pajjiżi AKP biex jiffinanzjaw l-azzjonijiet tal-agrikoltura, in-nutrizzjoni, l-ilma u s-sanità bejn l-2021 u l-2024. Minħabba l-firxa tal-ħtiġijiet u l-konsegwenzi mistennija, jenħtieġ li jiġu mobilizzati mezzi addizzjonali biex jappoġġaw il-pajjiżi sħab l-aktar milquta.
- (3) L-Unjoni hija qrib l-implimentazzjoni sħiħa tal-baġit inizjali tal-Għajjnuna Umanitarja għas-sigurtà tal-ikel u l-ħtiġijiet relatati fil-pajjiżi tal-AKP identifikati qabel il-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna. Minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonalment mwiegħra tas-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi AKP, dawn il-fondi jenħtieġ li jiġu kkumplementati b'riżorsi xierqa biex jirrispondu għall-aggravar ulterjuri tal-ħtiġijiet umanitarji u biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kooperazzjoni minn kriżi għal kundizzjonijiet stabbli għall-iżvilupp.

<sup>11</sup> ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.

<sup>12</sup> ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1-78.

- (4) Il-Kunsill Ewropew, fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022, stieden lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lill-ħidma dwar is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-ikel dinji, b' mod partikolari billi tappoġġa s-sigurtà tal-ikel u l-agrikoltura fl-Ukrajna u l-pajjiżi terzi l-aktar vulnerabbli u esposti.
- (5) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-30 u l-31 ta' Mejju 2022, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibbiltà li jiġu mobilizzati riżervi mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp biex jiġu appoġġati l-pajjiżi sħab l-aktar milquta.
- (6) Minħabba l-impatt sinifikanti f'diversi pajjiżi sħab tal-AKP, jenħtieġ li l-mobilizzazzjoni ta' fondi diżimpenjati mill-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp tippermetti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu r-rispons tagħhom għall-kriżi.
- (7) Jenħtieġ li dawn il-fondi jiffinanzjaw azzjonijiet bil-ħsieb li jipprovdu appoġġ għall-produzzjoni tal-ikel u r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, l-assistenza umanitarja, u l-appoġġ makroekonomiku, inkluża n-nefqa ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Ftehim Intern.
- (8) Skont l-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika<sup>(13)</sup>, is-sehem tar-Renju Unit ta' dawn il-fondi mhux se jerġa' jintuża.
- (9) Jenħtieġ li dawn il-fondi jintużaw f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-11-il FEŻ, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Ammont sa massimu ta' EUR 600 000 000 mill-fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp se jiġi allokat bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi tal-AKP wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna

Minn dan l-ammont, sa massimu ta' EUR 18 000 000 għandhom jiġu allokat i għan-nefqa ta' appoġġ imġarrba mill-Kummissjoni.

Dawn il-fondi għandhom jintużaw għal impenji finanzjarji f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

---

<sup>13</sup> ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*